IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussell, il-22.6.2009
KUMM(2009)307 finali

2007/0097/COD

OPINJONI TAL-KUMMISSJONI

skont l-Artikolu 251(2), it-tielet subparagrafu, punt c) tat-Trattat tal-KE
dwar l-emendi tal-Parlament Ewropew
għall-pożizzjoni komuni tal-Kunsill rigward
proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar regoli komuni għall-aċċess għas-suq internazzjonali tas-servizzi tat-trasport bil-kowċ u x-xarabank (tfassil mill-ġdid)

LI JEMENDA L-PROPOSTA TAL-KUMMISSJONI
skont l-Artikolu 250(2) tat-Trattat tal-KE

OPINJONI TAL-KUMMISSJONI

skont l-Artikolu 251(2), it-tielet subparagrafu, punt c) tat-Trattat tal-KE dwar l-emendi tal-Parlament Ewropew għall-pożizzjoni komuni tal-Kunsill rigward proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar regoli komuni għall-aċċess għas-suq internazzjonali tas-servizzi tat-trasport bil-kowċ u x-xarabank (tfassil mill-ġdid)

1. DAĦLA

L-Artikolu 251(2), it-tielet subparagrafu, punt c) tat-Trattat tal-KE jistipula li l-Kummissjoni għandha tressaq opinjoni dwar l-emendi proposti mill-Parlament Ewropew fit-tieni qari. Il-Kummissjoni tressaq l-opinjoni tagħha dwar l-emendi proposti mill-Parlament f'dan li ġej.

2. SFOND TAL-FAJL

Data tat-trażmissjoni tal-proposta lill-PE u lill-Kunsill (dokument COM(2007)264 finali - 2007/0097 (COD):	it-23 ta' Mejju 2007.
Data tal-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew:	is-26 ta' Settembru 2007.
Data tal-opinjoni tal-Parlament Ewropew, l-ewwel qari:	il-5 ta' Ġunju 2008.
Data tat-trażmissjoni tal-proposta emendata:	it-13 ta' Ġunju 2008.
Data tal-adozzjoni tal-pożizzjoni komuni:	id-9 ta' Jannar 2009.
Data tal-opinjoni tal-Parlament Ewropew, fit-tieni qari	it-23 ta' April 2009.

3. GĦAN TAL-PROPOSTA

L-għan tal-proposta adottata mill-Kummissjoni fit-23 ta' Mejju 2007 hu li jiġu stabbiliti regoli komuni għall-aċċess għas-suq tas-servizzi tat-trasport bil-kowċ u x-xarabank. Din il-proposta tissostitwixxi żewġ regolamenti applikabbli bħalissa. Wieħed mill-għanijiet prinċipali hu li tissimplifika l-proċedura ta' awtorizzazzjoni għas-servizzi internazzjonali regolari tal-passiġġieri.

4. OPINJONI TAL-KUMMISSJONI DWAR L-EMENDI TAL-PARLAMENT EWROPEW

Wara bosta xhur ta' negozjati taħt il-presidenza Ċeka, il-Parlament u l-Kunsill qablu fuq kompromess fit-tieni qari, b'mod partikolari li jirrigwarda d-dħul ta' regola ġdida ta' tnax-il

jum. Il-Kummissjoni tista' taċċetta l-emendi tal-kompromess adottati mill-Parlament Ewropew fi tmiem it-tieni qari sabiex tikkonferma dan il-ftehim.

5. KONKLUŻJONI

Skont l-Artikolu 250(2) tat-Trattat tal-KE, il-Kummissjoni temenda l-proposta tagħha kif stabbilit hawn fuq.